MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Numru 19/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Eshref Eshref**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 19 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Eshref Eshref li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi matul il-lejl ta' bejn is-sbatax (17) u t-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-jiem ta' qabel, **Eshref Eshref** iltaqa' ma ċertu Hassan, u ftiehem li jibda jmexxi u jittraffika fid-drogi kokajina u herojina f'Malta illegalment. Illi skond l-istess ftehim l-akkużat **Eshref Eshref** kellu jimporta illegalment l-imsemmija drogi moħbija fil-qiegħ tal-bagalja tiegħu u mbagħad jistenna telefonata mill-imsemmi Hassan sabiex itih aktar struzzjonijiet dwar x'għandu jagħmel bid-droga

msemmija. Huma ftehmu wkoll illi **Ehsref Eshref** kellu jiġi kkumpensat għal din l-attivita'.

In fatti, in eżekuzzjoni tal-pjan maqbul bejniethom u maħsub minn qabel, **Eshref Eshref** ġie Malta fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) b'titjira minn Brussel biex jittraffika l-imsemmija drogi fil-Gżejjer Maltin.

Fortunatament l-akkużat **Eshref Eshref** inqabad mill-Pulizija dakinhar tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) mal-wasla tiegħu f'Malta. Minn aktar investigazzjonijiet irriżulta illi l-akkużat **Eshref Eshref** kien qed iġorr moħbija fil-bagalja tiegħu erba' u għoxrin (24) kapsola kontenenti d-droga herojina u tnejn u disgħin (92) kapsola kontenenti d-droga kokajina.

Illi b'għemilu l-imsemmi **Eshref Eshref** sar ħati talli assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi **Eshref Eshref** ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni;

Talab li jingħamel skond il- liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' prġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il- Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A),

20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal- Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess żmien u ċirkostanzi msemmija fl-Ewwel Kap ta' Akkuża, u ċioe' matul il-lejl ta' bejn is-sbatax (17) u t-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-jiem ta' qabel, **Eshref Eshref** volontarjament u xjentement għamel vjaġġ minn Brussell lejn Malta permezz tat-titjira bin-numru KM421, fejn tul il-vjaġġ kollu kellu fil-pussess illegali xjenti tiegħu bagalja kontenenti s-sustanza li nstabet u li sussegwentement irriżultat li hi d-droga kokajina, li tirrappreżenta mediċina perikoluża u sustanza llegali skond il-liġijiet tagħna. Dan il-vjaġġ sar bil-kunsens tal-akkużat stess, tant illi l-bagalja kontenenti l-imsemmija droga kokajina nstabet fil-pussess tiegħu waqt illi kien għadu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u tul il-vjaġġ kollu.

Effettivament li kieku ma kienx għall-intervent f'waqtu tal-pulizija, kieku **Eshref Eshref** kien imur fil-lukanda indikata minn ċerta Hassan u kien jittraffika d-droga kokajina skond l-istruzzjonijiet ta' l-imsemmi Hassan. Illi tali importazzjoni saret minn **Eshref Eshref** għal skopijiet ta' lukru.

Illi fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza l- importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi **Eshref Eshref** sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża kokajina f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u dan meta' ma kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-

imsemmija Ordinanża li tawtorizza l- importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi **Eshref Eshref**, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża kokajina f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma' kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l- importazzjoni ta' dak l-oġġett;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-istess żmien u ċirkostanzi msemmija fil-Kapi ta' Akkuża preċedenti, u ċioe' matul il-lejl ta' bejn is-sbatax (17) u t-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-jiem ta' qabel, **Eshref Eshref** volontarjament u xjentement għamel vjaġġ minn Brussell lejn Malta permezz tat-titjira bin-numru KM421, fejn tul il-vjaġġ kollu kellu fil-pussess illegali xjenti tiegħu bagalja kontenenti s-sustanza li nstabet u li sussegwentement irriżultat li hi d-droga herojina, li tirrapreżenta mediċina perikoluża u sustanza Ilegali skond il-liġijiet tagħna. Dan il-vjaġġ sar bil-kunsens tal-akkużat stess, tant illi l-bagalja kontenenti l-imsemmija droga herojina nstabet fil-pussess tiegħu waqt illi kien

għadu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u tul il-vjaġġ kollu.

Effettivament li kieku ma kienx għall-intervent f'waqtu tal-pulizija, kieku **Eshref Eshref** kien imur fil-lukanda indikata minn ċerta Hassan u kien jittraffika d-droga herojina skond l-istruzzjonijiet ta' l-imsemmi Hassan. Illi tali importazzjoni saret minn **Eshref Eshref** għal skopijiet ta' lukru.

Illi fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizża l- importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi **Eshref Eshref** sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża herojina f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u dan meta' ma kellux liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanża li tawtorizza l- importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi **Eshref Eshref**, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża herjoina f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijeit tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma' kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanża li tawtorizza l- importazzjoni ta' dak l-oġġett;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-

1939 għall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fl-istess żmien u ċirkostanzi msemmija fil-Kapi ta' Akkuża preċedenti, u ċioe' matul il-lejl ta' bejn is-sbatax (17) u t-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-jiem ta' qabel, **Eshref Eshref** xjentement kien fil-pussess ta' bagalja kontenenti sustanza suspettuża u li wara l-analiżi meħtieġa li saru instab li kien fiha d-droga kokajina u cioe' mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna.

Illi min investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li l-ammont tad-droga li instabet kienet waħda konsiderevoli u ċioe' tnejn u disgħin (92) kaposola kontenenti d-droga kokajina fl-ammont ta' 896.53 gr u li kellha purita' ta' 46.2% **li ċertament ma' tindikax skop ta' użu personali**. Inoltre, din id-droga għandha valur ta' madwar €68,136

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa mil-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is- sustanza perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'għemilu l-imsemmi **Eshref Eshref** sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-

Regoli ta’ l-1939 għall- Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita’ mogħtija mill- Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma’ ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il- pussess ma’ kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi **Eshref Eshref** ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta’ ma’ kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, u meta’ ma’ kienx bil-liċenza jew xort’ oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad- dipartiment tas-Saħħa u ma’ kienx awtorizżat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita’ mogħtija mill- Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma’ ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il- pussess ma’ kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ għomor il-ħabs u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi Fl-istess żmien u ċirkostanzi msemmija fil-Kapi ta' Akkuża preċedenti, u ċioe' matul il-lejl ta' bejn is-sbatax (17) u t-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-jiem ta' qabel, **Eshref Eshref** xjentement kien fil-pussess ta' bagalja kontenenti sustanza suspettuża u li wara l-analiżi meħtieġa li saru instab li kien fiha d-droga <u>herojina</u> u cioe' mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna.

Illi min investigazzjonijiet ulterjuri irriżulta li l-ammont tad-droga li instabet kienet waħda konsiderevoli u ċioe' erbgħa u għoxrin (24) kapsola kontenenti d-droga <u>herojina</u> fl-ammont ta' 234.94gr u li kellha purita' ta' 31.3% li **ċertament ma' tindikax skop ta' użu personali.** Inoltre, din id-droga għandha valur ta' madwar €10,807.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is- sustanza perikoluża.

Illi d-droga <u>herojina</u> hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'għemilu l-imsemmi **Eshref Eshref** sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga <u>herojina</u> meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall- Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill- Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat

sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il- pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi **Eshref Eshref** ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad- dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall- Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali w tal-akkużat Eshref Eshref, tal-10 ta' Jannar, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1)(2) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun

hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun wahda ta' priġunerija għal periodu ta' tnax (12) il-sena flimkien ma multa ta' tlettin elf Ewro (€30,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101, inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli w immobbli tal-istess akkużat; talbu li tigi erogata din il-piena.

Rat illi waqt is-seduta tal-jum 10 ta' Jannar 2011, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex ħati skond l-Att tal-Akkuza, wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba w tagħtu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati.

Tiddikjara ghalhekk lil Eshref Eshref ħati talli
1. matul il-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Mejju 2009 u fil-jiem ta' qabel assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l- assoċjazzjoni; w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
2. matul il-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Mejju, 2009 u fil-jiem ta' qabel importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża <u>kokajina</u> f'Malta bi ksur tad- disposizzjonijeit tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma' kellux liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l- imsemmi Ordinanża li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett;
w dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
3. matul il-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Mejju, 2009 u fil-jiem ta' qabel, importa, ġiegħel li tiġi importata jew

għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża herjoina f' Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma' kellux liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa taħt l- imsemmi Ordinanża li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; u dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

4. matul il-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Mejju, 2009 u fil-jiem ta' qabel, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id- droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir- Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il- pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu, u dana skond ir-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża;

5. matul il-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Mejju, 2009 u fil-jiem ta' qabel, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id- droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir- Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il- pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w eżaminata mid-difiża.
Ikkonsidrat;

Illi r-reati fl-ewwel tliet Kapi tal-att ta' l-akkuża, għall-fini tal-piena, huma assorbiti fir-reati taħt fir-raba' u l-ħames kap stante li servew bħala mezz għall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' pussess aggravat taħt r-raba' u l-ħames kap a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u oħrajn) kif ukoll għax bejn it-tieni w it-tielet kap hemm il-konkors formali jew ideali.

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħati, la saret waqt il-kumpilazzjoni w lanqas saret fl-ewwel appuntament tal-kawża quddiem din il-Qorti – appuntament li sar speċifikatament biex il-Qorti tara jekk il-kawża kinitx se tkun kontestata jew ammessa.

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u senjatament l-eta' tal-ħati, l-kondotta ta' qabel tal-ħati, x-xorta w l-kwantita' tat-tagħmir jew materjal, u b' mod partikolari f' dan il-każ il-kwantita' ta' droga involuta fir-reati, iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi reċenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili għal dik involuta f'dan il-każ, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri mitluba huma tali li jkun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija għar-reati li dwarhom il-ħati ammetta l-ħtija tiegħu w peress li ma hemmx raġuni oħra skond il-liġi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ, jidher li din il-Qorti għandha tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Din il-Qorti tħoss li f'dan il-każ partikolari għandha taderixxa għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u għaldaqstant, wara li

rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f), 2(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d) u 26 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-artikoli 23 u 533 tal-Kap 9 tikkundanna lill-ħati**, Eshref Eshref** għall-piena komplessiva ta' **tnax (12) il-sena prigunerija** w ghall-**multa ta' tlettin elf Ewro (€30,000),** li, jekk ma titħallasx fi żmien ħmistax il-jum mill-lum, jiġu konvertiti fi **tmintax (18) il-xahar priġunerija oħra** skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' disa' mija w tmienja w tletin Ewros u tnejn u disgħin ċenteżmu **(€938.92),** rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jithallsux fi żmien ħmistax- iljum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skond il-liġi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-ispiżjar Mario Mifsud u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------